2015/09/26
77289588

TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

CCT/183/15/S

Roger Attard
Vs
Go plc

Illum 10 ta'Dicembru,2015.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Roger Attard ipprezentata fid-29 ta'Settembru,2015 u r-risposta tas-socjeta intimata Go plc ipprezentata fit-8 t'Ottubru,2015;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u r-rapprezentanti taghhom u t-trattazzjoni taghhom maghmula fis-seduta tad-29 ta'Ottubru,2015;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda diversi ilmenti dwar servizz maghruf bhala 'Home Pack' offrut mis-socjeta intimata;

Illi jinghad fl-ewwel lok li hi responsabilita ta' kull parti li tidhol ghal ftehim, li tezegwixxi u twettaq dak li obbligat li taghmel;

Illi t-Tribunal ezamina kull ilment imressaq mir-rikorrenti fil-konfront tas-socjeta intimata;

Illi jidher li t-talba tar-rikorrenti hi ghal danni morali ghax mill-provi, ma jidhirx li gew sofferti danni reali;

Illi fil-fatt, ir-rikorrenti nnifsu stabilixxa penali ta' kuljum ta' €15 pero naqas li jispjega l-bazi ghal tali ammont;

Illi mill-provi mressqa, it-talba fit-totalita taghha ghal kumpens daparti tar-rikorrenti mhijiex gustifikata pero jidher li s-servizz moghti ma kienx wiehed li jilhaq l-aspettattivi tar-rikorrenti;

Illi fil-fatt it-Tribunal ihoss li r-rikorrenti ghandu jigi kumpensat ghal mod ta' kif gie trattat u kif minnu spjegat fit-talba tieghu u fil-korrispondenza pprezentata;

Illi dan it-Tribunal jerga' jtenni li kulmin joffri servizz ghandu jipprovdi s-servizz miftiehem u li jkun tal-livell li wiehed jistenna minn min itieh;

Illi t-Tribunal gie infurmat li s-socjeta intimata tat lir-rikorrenti kreditu ta' xahar b'xejn, liema kumpens gie accettat mill-istess rikorrenti;

Illi min-naha l-ohra is-socjeta intimata ma setghetx tispjega r-raguni ghaliex ir-rikorrenti gie mitlub ihallas is-somma ta' €15;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' parzjalment it-talba ta' Roger Attard b'dan li s-socjeta Go plc ghandha thallas

lil Roger Attard is-somma stabbilita *ex aequo et bono* ta' €50, b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru